

## **P6\_TA-PROV(2006)0430**

### **Sħubija Strateġika bejn l-UE u l-Afrika t'Isfel**

#### **Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar Sħubija Strateġika bejn l-UE u l-Afrika t'Isfel (2006/2234(INI))**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew tat-28 ta' Ġunju 2006 bl-isem 'Lejn Sħubija Strateġika bejn l-UE u l-Afrika t'Isfel' (COM(2006)0347),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tat-28 ta' Ġunju 2006 mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri li ltaqgħu fi ħdan il-Kunsill sabiex jagħtu orjentament lill-Kummissjoni dwar ir-reviżjoni tal-Ftehimha dwar il-Kummerċ, l-Iżvilupp u l-Koperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha min naħa l-waħda, u r-Repubblika ta' l-Afrika t'Isfel min-naħa l-oħra (COM(2006)0348),
- wara li kkunsidra l-Ftehimha dwar il-Kummerċ, l-Iżvilupp u l-Koperazzjoni (TDCA) bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha min naħa waħda, u r-Repubblika ta' l-Afrika t'Isfel min naħa l-oħra<sup>1</sup>, li ġiet iffirmata f'Ottubru 1999 u li ġiet applikata proviżorjament u parzjalment minn Jannar 2000 u ddaħħlet kompletament fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2004,
- wara li kkunsidra l-Ftehimha ta' Sħubija bejn il-Membri tal-grupp ta' Stati ta' l-Afrika, tal-Karibew u tal-Paċifiku min naħa l-waħda u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha min-naħa l-oħra, iffirmata f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000<sup>2</sup> (il-Ftehimha ta' Sħubija ta' Cotonou),
- wara li kkunsidra r-rapport mill-Proġett tal-Millennju tan-NU: 'Ninvestu fl-Iżvilupp: Pjan Prattiku biex jinkisbu l-Objettivi tal-Millennju għall-Iżvilupp',
- wara li kkunsidra l-Istqarrija Konġunta tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri li ltaqgħu fi ħdan il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni dwar il-Politika ta' Żvilupp ta' l-Unjoni Ewropea, 'Il-Konsensus Ewropew'<sup>3</sup>,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjonijiet tiegħu dwar Strateġija ta' Żvilupp għall-Afrika<sup>4</sup>, adottata fis-17 ta' Novembru 2005 u, dwar is-Sħubija għat-Tkabbir bejn l-UE u l-Karibew, l-Istabilità u l-Iżvilupp, adottata fis-6 ta' Lulju 2006<sup>5</sup>,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Iżvilupp (A6-0310/2006),

<sup>1</sup> ĠU L 311, 4.12.1999, p.3.

<sup>2</sup> ĠU C 317, 15.12.2000, p 3. Ftehimha kif emendata mill-Ftehimha li temenda il-Ftehimha ta' Sħubija (ĠU L 209, 11.8.2005, p.27).

<sup>3</sup> ĠU C 46, 24.2.2006, p 1.

<sup>4</sup> Testi Adottati, P6\_TA(2006)0304.

<sup>5</sup> Testi Adottati, P6\_TA(2005)0445.

- A. billi l-Afrika t'Isfel hija l-qawwa politika l-aktar sinifikanti fl-Afrika 'l isfel mis-Sahara, li taġixxi b'mod partikolari fil-qafas ta' l-Unjoni Afrikana u s-Sħubija l-Ġdida għall-Iżvilupp ta' l-Afrika (NEPAD) fuq il-livell Afrikan u fil-qafas tal-Komunità għall-Iżvilupp tan-Nofsinhar ta' l-Afrika (SADC) fuq livell reġjonali, u billi hija wkoll parteċipant importanti fuq livell globali, anke fin-negozjati multilaterali tal-kummerç ta' l-Organizzazzjoni tal-Kummerç Dinji (WTO), kif ukoll kontributor dejjem jikber għaż-żamma tal-paċi u r-riżoluzzjoni tal-konflitti fl-Afrika,
- B. billi l-Afrika t'isfel hija bil-bosta l-ekonomija l-aktar b'saħħha fl-Afrika 'l isfel mis-Sahara, kif ukoll fil-grupp ta' l-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (ACP) u billi wara l-ħames konferenza ministerjali tad-WTO f' Cancun kellha l-irwol ta' tmexxija fi ħdan il-G-20 bħala rappreżentanta tal-pajjiżi Afrikani li qed jiżviluppaw u għamlet sforz biex iżżid is-saħħa ta' dawk il-pajjiżi fin-negozjati dwar kwistjonijiet li huma kruċjali għall-ekonomiji tagħhom,
- C. billi l-Afrika t'Isfel kienet membru fil-Grupp Cairns tad-WTO bil-ħsieb li tiproteġi l-interessi ta' l-ekonomiji li jesportaw il-prodotti agrikoli,
- D. billi intirtu disparitajiet fid-dħul mill-era ta' l-*apartheid* bil-maġġoranza tal-popolazzjoni bajda tgħix f'kundizzjonijiet kumparabbli ma' l-istandards ta' l-Ewropa tal-Punent, filwaqt li maġġoranza tal-popolazzjoni tas-suwed tgħix f'kundizzjonijiet kumparabbli ma' dawk tal-pajjiżi l-inqas żviluppatti, bi kważi nofs il-popolazzjoni tgħix taħt il-linja tal-faqar,
- E. billi l-istrateġija tal-gvern ta' l-Afrika t'Isfel għall-emanċipazzjoni tas-suwed fl-ekonomija (BEE) ġiet approvata fl-2004 u timmira li tikkoreġi l-inġustizzji ta' l-era ta' l-*apartheid* billi żżid il-parteċipazzjoni ekonomika mill-popolazzjoni żvantaġġjata,
- F. billi r-rata tal-qgħad hija għolja wisq fl-Afrika t'Isfel, b'rata uffiċjali ta' 'l fuq minn 30%, u stima mhux uffiċjali qrib l-40%,
- G. billi r-rata tal-qgħad tirrifletti diskriminazzjoni kontinwa bejn ir-razez, billi l-qgħad jaffettwa 50% tal-popolazzjoni tas-suwed, 27% tal-popolazzjoni ta' razza mħallta, 17% tal-popolazzjoni Asjatika u 6% biss tal-popolazzjoni tal-bojod,
- H. billi s-sitwazzjoni ta' l-immigrazzjoni fl-Afrika t'Isfel hija waħda speċjali billi, min naħa l-waħda, ġibdet għal għexieren ta' snin migrazzjoni legali (eż. tħaffir għad-deheb u għad-djamanti) u illegali (livell tajjeb ta' għajxien) mir-reġjun kollu tan-Nofsinhar ta' l-Afrika, u, fuq in-naħa l-oħra, huwa pajjiż li qed isofri ħafna mill-fenomeni 'brain drain', b'mod partikolari fis-settur mediku,
- I. billi l-Gvern ta' l-Afrika t'Isfel stabbilixxa l-oġettivi makroekonomiċi tiegħu fl-Inizjattiva għal Tkabbir Aċċellerat u Komuni għall-Afrika t'Isfel (ASGISA), bil-ħsieb li t-tkabbir ekonomiku jiżdied għal 6% u li l-qgħad u l-faqar jonqos bin-nofs sa l-2014,
- J. billi l-Afrika t'Isfel għandha l-akbar ammont ta' persuni fid-dinja infettati bl-HIV bi 320,000 persuna li mietet bl-AIDS fl-2005, il-pandemija ta' l-AIDS li hija traġedja umanitarja li għandha effett ta' ħsara partikolari fuq it-tfal li huma orfni u li jsufri l-abbuż u li qiegħda taffettwa l-ekonomija ta' l-Afrika t'Isfel,

- K. billi l-Afrika t'Isfel t'ħadem l-ekonomija tar-reġjun kollu ta' l-Afrika 'l isfel mis-Sahara, u billi l-iżvilupp ekonomiku ta' l-Afrika t'Isfel jista' jkollu effett fuq it-tnaqqis tal-faqar u fuq il-kisba ta' l-Objettivi ta' l-Iżvilupp tal-Millennju (MDGs) fuq livell reġjonali,
- L. billi r-rata għolja ta' kriminalità xxekkel l-iżvilupp ta' l-ekonomija u l-industrija tat-turisti u tiskoraġġixxi l-investment dirett barrani,
- M. billi l-UE hija s-sieħba kummerċjali l-aktar importanti għall-Afrika t'Isfel, filwaqt li l-kummerċ ma' l-Afrika t'Isfel huwa ta' importanza medja għall-UE,
- N. billi l-Afrika t'Isfel hija membru kkwalifikat tal-Ftehma tal-Cotonou mhux eliġibbli għall-preferenzi kummerċjali mhux reċiproċi, u ma tibbenefikax minn għajnuna finanzjarja permezz tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp, iżda tipparteċipa f'koperazzjoni politika u fl-istituzzjonijiet ta' bejn l-ACP u l-UE,
- O. billi l-UE hija bil-bosta l-iktar donatur importanti għall-Afrika t'Isfel, billi tipprovdi xi 70% tal-fondi totali mogħtija li jammontaw għal xi 1.3% tal-baġit nazzjonali,
- P. billi r-relazzjonijiet ekonomiċi u kummerċjali u l-koperazzjoni fil-qasam politiku, soċjali, kulturali, ambjentali, tas-saħħa u oqsma oħra huma rregolati mit-TDCA li għandha l-għan li toħloq żona ta' kummerċ ħieles bi skeda asimmetrika u bi protezzjoni għas-setturi sensitivi,
- Q. billi l-Kummissjoni pproponiet Sħubija Strateġika bejn l-UE u l-Afrika t'Isfel li għandha tliet objettivi ewlenin: li toħloq qafas ewlieni, koerenti u ċar li jkopri l-oqsma kollha ta' koperazzjoni, li timxi minn dialogu politiku għall-koperazzjoni politika strateġika, u li żżid il-koperazzjoni eżistenti b'TDCA reveduta,
- R. billi t-TDCA ppermettiet lill-UE biex tneħħi d-defiċit kummerċjali ma' l-Afrika t'Isfel u tefgħet piż akbar fuq l-Afrika t'Isfel milli fuq l-UE f'dawk li huma aġġustamenti ta' tariffi, bl-effett li l-UE tibbenefika mit-TDCA kurrenti iktar milli l-Afrika t'Isfel,
- S. billi l-prodotti agrikoli u ta' teknoloġija għolja ta' l-UE qed jidħlu fis-swieq ta' l-Afrika t'Isfel b'effetti negattivi fuq is-settur agrikolu u fuq l-iżvilupp ta' prodotti strateġiċi ta' l-Afrika t'Isfel b'valur miżjud, bħall-farmaċewtiċi, makkinarju u vetturi,
- T. billi l-Afrika t'Isfel diġà ħadet impenji importanti fi ħdan il-GATS fis-settur tas-servizzi, u taffaċċja limitazzjonijiet severi fil-kisba ta' livelli aċċettabbli ta' aċċess u servizz universali,
- U. billi l-Kummissjoni bi ħsiebha tirrevedi t-TDCA, partikolarment billi tinkludi dispożizzjonijiet oħra dwar il-liberalizzazzjoni tal-kummerċ u impenji li jorbtu fuq servizzi, investment, akkwisti tal-gvern, proprjetà intellettuali, kompetizzjoni, standardizzazzjoni, dwana u regoli ta' oriġini,
- V. billi l-inklużjoni ta' l-investment u l-akkwist tal-gvern jistgħu joħlqu diffikultajiet għall-Afrika t'Isfel u għall-pajjiżi l-oħra fl-Unjoni Doganali tan-Nofsinar ta' l-Afrika (SACU),
- W. billi l-Kummissjoni tipproponi wkoll li ġġib it-TDCA fil-linja mal-Ftehma reveduta ta' Cotonou li tikkonċerna l-proliferazzjoni ta' armi ta' distruzzjoni tal-massa, il-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-ġlieda kontra l-impunità, il-prevenzjoni ta' attivitajiet merċenarji,

- X. billi l-Kummissjoni bi ħsiebha tipproponi lill-Kunsill tal-Koperazzjoni Konġunta bejn l-UE u l-Afrika t'Isfel, fl-14 ta' Novembru 2006, abbozz ta' Pjan ta' Azzjoni bejn l-UE u l-Afrika t'Isfel dwar l-implimentazzjoni tas-Sħubija Strateġika,
1. Jilqa' l-approċċ tal-Kummissjoni li tieħu passi lejn Sħubija Strateġika bejn l-UE u l-Afrika t'Isfel u li tipproponi qafas ta' koperazzjoni koerenti u fit-tul;
  2. Jenfasizza li s-Sħubija Strateġika għandha tipprovdi qafas waħdieni li permezz tiegħu, l-istrumenti eżistenti ta' koperazzjoni jistgħu jtejbu l-prestazzjoni fl-interessi tal-popolazzjoni u l-ekonomija ta' l-Afrika t'Isfel;
  3. Jenfasizza li s-Sħubija Strateġika għandha tkun kumplimentari għall-Istrateġija bejn l-UE u l-Afrika u tinkorpora l-linja ta' ħidma eżistenti fuq l-Istrument ta' Koperazzjoni għall-Iżvilupp, fuq Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika (EPA) u fuq negozjati oħra li diġà għaddejjin;
  4. Jenfasizza li l-Pjan ta' Azzjoni għandu jkollu l-għan ewlieni li jnaqqas il-faqar, fl-istess linja mal-Ftehimiet ta' Cotonou u bil-ħsieb li jinkisbu l-MDGs, u għandu jikkunsidra l-effett tas-Sħubija Strateġika fuq il-pajjiżi tar-reġjun u fuq in-negozjati ta' l-EPA;
  5. Jenfasizza li t-trattament tal-kriżi HIV/AIDS, b'approċċ ibbilanċjat bejn il-prevenzjoni (b'enfasi fuq is-saħħa sesswali u dik riproduttiva), it-trattament u l-kura, għandhom jibqgħu prijorità politika għall-Gvern ta' l-Afrika t'Isfel; jilqa' d-deċiżjoni tal-Gvern favur programm li jwassal mediċini antiretrovirali, iżda madankollu jinsisti li l-implimentazzjoni tiegħu għandha tiġi mtejba malajr;
  6. Jilqa' l-approċċ ġdid li għandu jimxi minn djalogu politiku għall-koperazzjoni strateġika politika fejn l-Afrika t'Isfel hija identifikata bħala l-'pajjiż gwida' ('anchor country') kapaçi li jfittex objettivi komuni dwar kwistjonijiet reġjonali, Afrikani u globali, meta wieħed jikkunsidra l-fatt li l-Afrika t'Isfel għandha rwol importanti bħala kelliema għall-Pajjiżi Afrikani 'l isfel mis-Sahara f'fora internazzjonali bħalma huma d-WTO u n-Nazzjonijiet Uniti;
  7. Jitlob lill-Afrika t'Isfel biex tiççara r-relazzjoni bejn l-SADC, l-SACU u t-TDCA, bil-ħsieb li titfassal politika ta' żvilupp reġjonali aħjar; jistieden lill-Kummissjoni biex tiççara l-politika ta' l-UE f'relazzjoni mal-SADC, l-SACU u t-TDCA, u jikkunsidra n-negozjati ta' l-EPA;
  8. Jissuġġerixxi li d-djalogu politiku bejn l-UE u l-Afrika t'Isfel għandu jkompli jiżviluppa permezz ta' żjarat regolari ta' skambju mid-delegazzjonijiet parlamentari (li huma essenzjali jekk għandu jkun hemm ftehim reçiproku ta' kwistjonijiet ta' interess komuni, is-sistemi demokratiçi rispettivi taż-żewġ partijiet u l-oqsma ta' responsabilità);
  9. Jenfasizza l-irwol politiku speçifiku li l-Afrika t'Isfel diġà ħadet għall-kontinent kollu (eż. is-Sudan, il-Kongo u l-Liberja), u jikkunsidra li din il-pożizzjoni għandha tkun magħrufa u appoġġjata mill-Unjoni Ewropea; jenfasizza f'dan il-kontest l-importanza ta' l-Unjoni Afrikana –li tagħha l-Afrika t'Isfel hija waħda mill-fundaturi kif ukoll membru attiv - bħala kelliema possibbli għall-kontinent Afrikan f'dinja globalizzata, u jittama għal aktar żvilupp ta' l-Unjoni Afrikana;
  10. F'dan ir-rigward, jistieden lill-Afrika t'Isfel biex tuża din l-influenza politika sabiex

tasal għall-ftehim paċifiku tal-kriżi fiż-Żimbabwe, pajjiż ġar tagħha;

11. Jitlob lill-Kummissjoni żżomm f'moħħha l-fatt li l-Afrika t'Isfel bniet politika u rabtiet kummerċjali importanti ma' pajjiżi Asjatiċi u Amerikani Latini u ma' pajjiżi żviluppati fil-kuntest ta' konfigurazzjonijiet internazzjonali;
12. Jenfasizza li l-Pjan ta' Azzjoni għandu jikkunsidra d-differenzi ekonomiċi bejn l-UE u l-Afrika t'Isfel, b'mod partikulari fil-qasam tal-kummerċ, bħalma - fir-rigward ta' l-ekonomiji li għadhom qegħdin jiżviluppaw - huwa magħruf mid-WTO innifisha li tiddefendi t-trattament differenzjat li jippermetti ċerti tariffi u miżuri oħra ta' kummerċ meħtieġ għall-għan li jipproteġi dawk l-ekonomiji li għadhom fil-bidu biex jibqgħu fis-seħħ;
13. Jenfasizza li skond il-Pjan ta' Azzjoni, enfasi partikulari għandha titqiegħed fuq il-ħolqien ta' inċentivi għall-investment barrani permezz tat-tfassil ta' strateġija innovattiva f'assoċjazzjoni ma' l-awtoritajiet bil-ħsieb li jingħelbu l-ostakli prinċipali ta' l-investment, bħalma huwa l-impatt soċjali u ekonomiku ta' l-AIDS, ir-rata għolja ta' kriminalità u l-involviment ta' l-Istat fil-politika ta' l-impjegi u l-proprietà;
14. Ihegġegħ lill-Kummissjoni sabiex ma tinsistix li tinkludi fit-TDCA revedut elementi li jtellfu l-iżvilupp ekonomiku ta' l-Afrika t'Isfel, jew it-taqbida għat-tnaqqis tal-faqar, li ma tinsistix għal aktar parteċipazzjoni mis-settur privat fil-forniment ta' servizzi bażiċi, u li titgħallem mill-falliment tan-negozjati għall-kummerċ ħieles bejn l-SACU u l-Istati Uniti, fejn l-istati Uniti ppruvaw jimponu kundizzjonijiet inaċċettabbli fuq l-SACU ;
15. Jissuġġerixxi li l-baġit ta' l-UE jipprovdi approprjazzjonijiet biex jiffaċilitaw il-proċess diffiċli għall-integrazzjoni kummerċjali fir-reġjun tan-Nofsinhar ta' l-Afrika;
16. Jissuġġerixxi li l-Pjan ta' Azzjoni u l-baġit ta' l-UE jinkludu appoġġ għal strateġija b'saħħitha għas-sigurtà ta' l-enerġija fl-Afrika t'Isfel li tikkunsidra l-bidla fil-klima u l-impatt soċjali u ambjentali tagħha fuq in-nies fqar fl-Afrika t'Isfel u fir-reġjun, billi jiffoka inter alia fuq l-iżvilupp ta' sorsi ta' enerġija li jiġġeddu, b'mod partikulari l-impjanti żgħar ta' enerġija mill-ilma, l-enerġija mir-riħ u l-bijomassa;
17. Jenfasizza li l-Pjan ta' Azzjoni għandu jkollu approċċ ta' parteċipazzjoni u magħmul minn diversi partijiet ikkonċernati u għandu jiffoka fuq l-appoġġ għall-prijoritajiet ta' l-Afrika t'Isfel inklużi l-azzjoni sabiex jiġġieldu kontra l-firxa ta' l-HIV, il-miżuri tal-gvern għall-irkupru ekonomiku u l-ġlieda kontra l-inugwaljanza ekonomika, titħaddan il-koeżjoni soċjali u tiżgura li l-benefiċċji ekonomiċi jinfirxu lil hinn mill-ipprivileġġjar finanzjarju li ħiereġ, konformi ma' l-ASGISA u ma' l-istrateġija BEE;
18. Jissuġġerixxi li għandhom ikollhom prijorità dawk it-talbiet ta' l-Afrika t'Isfel għall-assistenza teknika li huma ffukati fuq il-kisba ta' l-oġettivi tal-pajjiż u li jikkontribwixxu wkoll għall-iżvilupp soċjali u ekonomiku tar-reġjun, bil-ħsieb li mexxejja Afrikani oħra jiġu inkuraġġiti jieħdu r-responsabilitajiet tagħhom fir-rigward tat-tfassil u l-implimentazzjoni ta' mudell ta' żvilupp ekonomiku sostenibbli għall-kontinent;
19. Barra minn hekk, jipproponi li għandu jiġi żviluppata qasam ta' koperazzjoni fil-qasam ta' l-edukazzjoni u tat-taħriġ, li għandu jinkludi skambji ta' studenti u għalliema u tieqa għall-Afrika t'Isfel fil-programm Erasmus Mundus;

20. Jinnota l-benefiċċji konsiderevoli li l-Afrika t'Isfel kisbet mis-self disponibbli mill-Bank Ewropew ta' l-Investment u jitlob li jinżamm almenu livell ugwali ta' appoġġ għall-perjodu 2007-2013 filwaqt li jiġu kkunsidrati l-ħtiġijiet ta' makrointrapriżi u SMEs;
21. Jinsisti li l-ġħajnuna għall-iżvilupp għandha tkun allokata lokalment u esperti esterni jiġu impjegati biss u prodotti jiġu impurtati biss meta ma jkunx hemm disponibbli kompetenzi jew prodotti kumparabbli fir-reġjun;
22. Jenfasizza l-irwol ta' pijunier fil-qasam tal-politika ta' l-immigrazzjoni li l-Afrika t'Isfel tista' tieħu għar-reġjun tan-Nofsinhar ta' l-Afrika kif ukoll il-kontinent Afrikan b' mod sħiħ grazzi għall-esperjenza unika tagħha f' dan il-qasam; jenfasizza għaldaqstant li l-Afrika t'Isfel għandha bżonn mill-aktar fis li ssaħħaħ l-isforzi tagħha biex tadotta politika koerenti u effiċjenti ta' migrazzjoni; jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni jħaddnu dawn l-isforzi billi jaqsmu flimkien l-esperjenzi kif ukoll jiffukaw fuq dan l-irwol speċjali ta' l-Afrika t'Isfel fil-programmi ta' migrazzjoni bħalma huwa AENEAS u l-programm ta' aġġornament;
23. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tibqa' fi djalogu kostanti mal-gvern ta' l-Afrika t'Isfel u li tinkludi lill-Parlament, lill-gvernijiet lokali u lis-soċjetà ċivili fid-diskussjoni dwar is-Sħubija Strateġika, il-Pjan ta' Azzjoni u l-implimentazzjoni sussegwenti tiegħu;
24. Jagħti istruzzjoni lill-President tiegħu sabiex iressaq din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u l-parlamenti ta' l-Istati Membri ta' l-UE u lill-Gvern u l-Assemblea Nazzjonali tar-Repubblika ta' l-Afrika t'Isfel.